# TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

ĠUDIKATUR
**DR. JOSEPH GATT LL.D.**

**Udjenza ta' nhar it-Tlieta, 13 ta' Lulju 2021**

**Talba Nru: 28/21 JG**
**Numru fuq il-lista: 4**

**Deloitte Services Limited (C 51320)**

**Vs**

**Cooper Cameron Libya Limited (C 38109)**

It-Tribunal;

Ra l-Avviż tat-Talba ippreżentat fid-29 ta' Jannar 2021, permezz ta' liema, is-soċjetá attriċi talbet lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lis-sojċetá konvenuta tħallas l-ammont ta' tlett elef, erba' mija u erbgħa u għoxrin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu tal-Ewro (€3,424.95) rappreżentanti servizzi prezz ta' servizzi reżi kif aħjar deskritti fl-istess Avviż tat-Talba u mill-fatturi annessi mal-istess. Intalbu wkoll l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri, kif ukoll ta' ittra uffiċjali u mandat

ta' sekwestru. Intalbu wkoll l-imgħax a tenur tal-artikolu 26Ċ tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta[1].

Ra d-dokumenti annessi ma l-Avviż tat-Talba;

Ra lis-soċjetá konvenuta debitament notifikata[2], naqset milli tippreżenta risposta fit-terminu li trid il-liġi u li tirreġistra dehra f'dawn il-proċeduri. B'hekk ġiet dikjarata li waqgħet fi stat ta' kontumaċja hekk kif reġistrat fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2021[3];

Ra li fl-istess seduta, ġie ppreżentat kapitolu fil-konfront tas-soċjetá konvenuta;

Ra li fis-seduta sussegwenti, s-soċjetá konvenuta reġgħet naqset milli tattendi u b'hekk il-kapitolu preċedentement ppreżentat ġie dikjarat bħala mistqarr[4];

Sema x-xhieda ta' Dr. Conrad Cassar Torreggiani mogħtija fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2021[5];

Sema t-trattazzjoni finali tal-avukat difensur tas-soċjetá attriċi, liema trattazzjoni ġiet debitament reġistrata u traskritta kif hekk ordnat fl-istess seduta[6];

Ra l-atti proċesswali kollha;

---

[1] A fol 1 *et seq* tal-proċess.
[2] Kien hemm diversi notifiki tas-soċjetá konvenuta. Kif jemerġi mit-timbru tan-notifika a fol 18, s-soċjetá konvenuta kienet ġiet notifikata l-ewwel darba (għalkemm ma hemmx data tan-notifika, hemm id-data tat-timbru. Ġara peró, li peress lis-seduta sussegwenti kienet ġiet ikkanċellata minħabba d-direzzjoni ġenerali mogħtija mis-S.T.O. Prim Imħallef, dan it-Tribunal ħass li jkun aktar għaqli li din terġa notifikata. Fil-fatt hekk sar, u dan jemerġi mit-timbru tan-notifika *a tergo* ta' fol 22 tal-proċess.
[3] A fol 23.
[4] Seduta tat-8 ta' Lulju 2021.
[5] Din ġiet erronjament immarkata bħala li tinsab a fol 31.
[6] Din ġiet erronjament immarkata bħala li tinsab a fol 24.

**Ikkunsidra;**

Illi kif diġa ġie indikat fir-riassunt magħmul hawn fuq, s-soċjetá konvenuta f'dawn il-proċeduri naqset milli ssegwi d-dettami ta' żewġ regoli kardinali fi proċedimenti quddiem dan it-Tribunal u għalhekk ġiet dikjarata li kienet waqgħet fi stat ta' kontumaċja.

Illi kif in huwa ben risaput, dan il-fatt ma jistax jiġi ekwiparat bħala ammissjoni.

Illi peró, apparti minn hekk, kif ukoll hawn fuq indikat, ġie preżentat kapitolu fil-konfront tal-istess soċjetá konvenuta, u stante nuqqas tagħha li tidher sabiex twieġeb, l-istess kapitolu ġie mistqarr bħala mistħoqq. B'hekk t-Tribunal għandu wkoll prova pożittiva kontra l-istess soċjetá konvenuta[7].

Illi madanakollu, t-Tribunal huwa xorta mitlub jevalwa l-provi kollha prodotti, għaliex wara kollox, it-Tribunal huwa obbligat li janalizża l-ammissjoni flimkien ma' kull prova oħra[8].

---

[7] Fis-sentenza fl-ismijiet **Stephen u Claudia mizzewgin Vella vs Bollicine Limited Et**, (Appell Civili Numru. 161/2005/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar id-9 ta' Jannar 2008 in tema ngħad li: *"Dan premess, jibda biex jigi osservat illi in linea ta' principju l-kapitolu hu fatt processwali li jgib mieghu effetti specifici, espressament prevvisti u determinati mil-ligi taht il-Kapitolu 12. Ara Artikoli 698 (2) u 702 (3). Minnhom huwa dezunt illi l-kapitolu hu mezz dirett biex jipprovoka konfessjoni gudizzjali f' min lilu jigi deferit ta' fatt sfavorevoli ghal kapitolat u ta' vantagg ghall-parti li eskogitatu. Jinghad fid-decizjoni fl-ismijiet "Anthony Borg -vs- Samwel Veneziani", Appell Inferjuri, 28 ta' April 1998, illi "din ic-cirkustanza hi hafna rilevanti ghaliex tfisser illi bin-nuqqas tal-konvenut appellat li jidher biex jikkontesta l-kapitolu, saret prova posittiva li l-ammont rekalmat mill-attur kien dovut lilu ghal ragunijet minnu pretizi u dana bl-ammissjoni – anke jekk negattiva fis-sens ta' non kontestazzjoni – ta' l-istess konvenut".*

[8] Fis-sentenza fl-ismijiet **Noel Sultana vs Tony Xerri**, (Appell Civili - Ghawdex Numru. 7/2009/1), mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Sede Inferjuri) nhar is-7 ta' Lulju 2010, in tema ngħad li *"... huwa dejjem ta' rilevanza li jigi denotat f'kazijiet ta' din ix-xorta illi l-apprezzament tal-pertinenza u ta' l-influwenza tal-kapitoli tikkostitwixxi valutazzjoni ta' natura diskrezzjonali rizervata lill-gudikant fil-mertu... ghalkemm in-nuqqas ta' twegiba ghal kapitolu taghmel prova posittiva jew argoment indizzjarju ta' prova, il-valur ta' din listess*

Illi t-Tribunal iqis li ma ngħata l-ebda raġuni l-għala dak sottomess mir-rappreżentant tas-soċjetá attriċi m'għandux jitwemmen, u dan ukoll wara analiżi tad-dokumenti ppreżentati[9] u b'hekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' t-talba.

Illi jifdal biss il-kwistjoni tal-imgħax, li kienet ukoll il-kwistjoni prinċipali fit-trattazzjoni tal-għeluq.

Għal dan it-Tribunal, minn qari tal-provi in atti, l-elementi rikjesti mill-artikolu 26A tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta (li huwa artikolu t'interpretazzjoni fejn jagħti diversi tifsiriet), magħdud ma dak li jrid l-artikolu 26Ċ tal-istess Kapitolu huma sodisfatti u għalhekk sejjer jgħaddi sabiex jilqa' anki din il-parti tat-talba. Huwa s-subartikolu tlieta (3) li għandu jiġi utilizzat għaliex fl-atti ma jirriżultax il-kuntratt ta bejn is-soċjetajiet u għalhekk is-subartikolu (2) m'huwiex hawn applikabbli. Madanakollu, mill-atti ma jirriżultax li l-fatturi ġew fil-fatt riċevuti mis-soċjetá konvenuta. Il-leġislatur ħaseb għal din l-eventwalitá u għalhekk l-imgħax għandu jiġi kkalkulat fuq dak li jgħid l-artikolu 26Ċ(3)(b) tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant, it-Tribunal qiegħed jiddeċiedi din it-Talba billi jilqa' t-talba tas-soċjetá attriċi u jikkundanna lis-soċjetá konvenuta tħallas lis-soċjetá attriċi s-somma tlett elef, erba' mija u erbgħa u għoxrin Ewro u ħamsa u disgħin ċenteżmu tal-Ewro (€3,424.95) bl-imgħax legali kif mitlub ai termini tal-artikolu 26Ċ(3)(b)[10] tal-Kapitolu 13 tal-Liġijiet ta' Malta sad-data tal-pagament effettiv.

---

*prova seta' dejjem jigi mwarrab jekk, fuq l-apprezzament prudenzjali, jinstab li l-oggett tat-talba mhux sufficjentement suffragat minn elementi ohra ta' prova akkwiziti mill-process".* Wieħed huwa wkoll mistieden jaqra dak li seħħ fis-sentenza fl-ismijiet **Absolute Services Limited vs Stefan Darmenia** (Appell Ċivili (Inferjuri) Nru: 273/2019/1) deċiża fil-11 ta' Novembru 2020.

[9] Id-diversi fatturi jikkombaċaw ma dak mitlub.

[10] L-imgħax bir-rata ta' 8% għandu jibda jiddekorri mis-segwenti dati:

L-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri u dawk tal-ittra uffiċjali bin-numri 3494/2020[11], iżda mhux dawk tal-mandat ta' sekwestru[12] jitħallsu fl-intier tagħhom mis-soċjetá konvenuta.

**Dr. Joseph Gatt LL.D.**
Ġudikatur

---

Dok A – 30 ta' Settembru 2018
Dok B - 30 ta' Marzu 2019
Dok C - 30 ta' Ġunju 2019 (qiegħda hawn tintuża d-data tal-fattura bħala kejl)
Dok D – 30 ta' Ġunju 2019
Dok E – 30 ta' Settembru 2019
Dok F – 30 ta' Diċembru 2019
Dok G – 30 ta' Marzu 2020.

[11] Kopja legali tal-ittra uffiċjali hija eżebita a fol 29.

[12] Liema mandat ma ġiex debitament ippreżentat f'dawn il-proċeduri.